# IT-TIELET PARTI
# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

**31 ta' Jannar, 1996**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent Degaetano LL.D.**

Alfred Tonna

*versus*

Maria Tonna

## Żwieġ - Annullament - Adeżjoni mat-talbiet - Simulazzjoni - Difett ta' Diskrezzjoni ta' Ġudizzju

*Meta hemm l-adeżjoni tal-konvenuta mat-talbiet ta' l-attur għall-annullament taż-żwieġ, il-Qorti mhix eżonerata milli tisma', teżamina u tivvaluta l-provi sabiex tassigura ruħha li hemm bażi legali għall-annullament mitlub.*

*Ikun hemm simulazzjoni meta, fil-mument ta' l-għoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew oħra (jew it-tnejn) esternament turi li qed tagħti l-kunsens matrimonjali, iżda internament u b'att posittiv tal-volonta', tkun qed teskludi xi element jew proprjeta' essenzjali għaż-żwieġ, jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost għal għażla libera dwar l-imsemmi oġġett.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata minn Alfred Tonna fit-28 ta' Settembru, 1994 li biha, wara li ppremetta:

Illi l-kontendenti Alfred u Maria Tonna kienu kkuntrattaw żiewġ fl-1 ta' Marzu, 1980 kif jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ anness ma' l-istess ċitazzjoni (numru 286/80);

Illi l-kunsens tal-partijiet għal dan iż-żwieġ kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha;

Illi l-kunsens tal-konvenuta għal dan iż-żwieġ kien vizzjat *peress li kien inkiseb bl-esklużjoni posittiva taż-żwieġ innifsu* jew ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, jew tad-dritt għall-att ta' żwieġ;

Illi għalhekk l-imsemmi żwieġ huwa null u bla effett fit-termini ta' l-artikolu 19 (1) (ġ) u/jew (d) u/jew (f) ta' l-Att *XXXVII ta' l-1995 li jirregola ż-Żwieġ u huwa proprju* għalhekk li qegħda ssir il-kawża;

Premess dan kollu l-esponent talab lill-konvenuta tgħid għala din il-Qorti m'għandhiex;

Tiddikjara li ż-żwieġ ikkontrattat bejn il-kontendenti fl-1 ta' Marzu, 1980 huwa null u bla effett għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta nġunta għas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta Maria Tonna, minnha ppreżentata fit-23 ta' Marzu, 1995, li biha eċċepiet:

"Illi l-esponenti taderixxi għat-talbiet attriċi pero' m'għandhiex tbati spejjeż stante illi ma kinitx hi li tat lok għar-raġunijiet li, jekk jeżistu għandhom iwasslu għall-annullament taż-żwieġ tagħha ma' l-attur;

"Salv kull eċċezzjoni ulterjuri";

Rat l-atti kollha tal-kawża; semgħet il-provi u t-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

Qabel xejn din il-Qorti tosserva li għalkemm f'din il-kawża hemm prattikament ammissjoni tat-talba ta' l-attriċi da parti tal-konvenuti - ma tistax proprjament tissejjaħ ammissjoni tat-talba fit-termini tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 158 tal-Kap. 12 għax il-konvenut tatribwixxi ħtija unikament lill-attur u tikkwalifika l-ammissjoni tagħha, jew aħjar l-adeżjoni tagħha mat-"talbiet", għal "jekk jeżistu" r-raġunijiet allegati mill-imsemmi attur - din il-Qorti mhix eżonerata milli tisma', u naturalment teżamina u tivvaluta l-provi sabiex tassigura ruħha li hemm bażi legali għall-annullament mitlub (ara **Angela Spiteri xebba Selvaggi *vs* Joseph Spiteri**, Prim'Awla, 4 ta' Novembru, 1994; **Carmel *sive* Charles Camilleri *vs* Teresa Camilleri**, Prim'Awla, 3 ta' Ottubru, 1995; **Evelyn Agius *vs* John Borg**, Prim'Awla, 4 ta' Ottobru, 1995; **Emanuel Camilleri *vs* Carmen Camilleri**, Prim'Awla, 10 ta' Novembru, 1995; u **Isabelle Zarb *vs* Stephen Attard**, Prim'Awla, 21 ta' Novembru, 1995);

Il-Qorti tosserva ukoll li għalkemm fiċ-ċitazzjoni hemm referenza għall-paragrafu (ġ) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 19 tal-Kap. 255, l-attur proprjament ma hu qed jaddući ebda kawżali fir-rigward ta' dan il-vizzju (ċjoe', li parti fiż-żwieġ torbot il-kunsens tagħha ma' kondizzjoni li tirreferi għall-futur). Mill-korp taċ-ċitzzjoni, kif ukoll mit-trattazzjoni tad-difensuri

tal-partijiet fl-udjenza ta' l-14 ta' Novembru, 1995, hu evidenti li l-attur qed jallega biss żewġ *capita nullitatis*: id-difett serju *ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju kif ravviżat fil-paragrafu (d) ta' l-*imsemmi subartikolu, u s-simulazzjoni kkontemplata fil-paragrafu (f);

Kwantu għas-simulazzjoni, din il-Qorti kellha okkażjoni diversi drabi li tispjega n-natura ġuridika ta' dan id-difett tal-kunsens matrimonjali. *Ikun hemm simulazzjoni meta, fil-*mument ta' l-għoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew oħra (jew it-tnejn) esternament turi li qed tagħti l-kunsens matrimonjali iżda internament u b'att posittiv tal-volonta' tagħha *tkun qed* tiċħad il-kunsens għal dak iż-żwieġ (simulazzjoni totali) jew, dejjem b'dak l-att posittiv tal-volonta', tkun qed teskludi xi element jew proprjeta' essenzjali għaż-żwieġ (simulazzjoni parzjali) (ara, f'dan is-sens, **Muscat *vs* Borg Grech**, Prim'Awla, 14 ta' Awissu, 1995). Għalkemm l-att posittiv tal-volonta' li bih issir tali esklużjoni tista' tiġi manifestata anke impliċitament, din il-Qorti, wara li eżaminat bir-reqqa l-provi kollha, tara li ma nġabet ebda prova ta' tali esklużjoni posittiva jew simulazzjoni da parti tal-konvenuta kif allegat fiċ-ċitazzjoni. Minn ċerti mistoqsijiet li saru kemm lix-xhud Paul Scerri (fol. 20 sa 23) (li miegħu l-konvenuta llum tgħix u allegatament għandha tfal minnu - jingħad allegatament għax iċ-ċertifikati tat-tfal Charlene u Jessica juru lill-attur bħala l-missier) kif ukoll lill-konvenuta hu evidenti li dak li kien qed jipprova jasal għalih l-attur kien li peress li l-konvenuta kienet taf lil dan Paul Scerri qabel iż-żwieġ u xi sena jew sena u nofs wara ż-żwieġ bdiet tiffrekwentah, allura fil-mument taż-żwieġ hi qatt ma riedet lill-attur iżda riedet lil dana Scerri. Pero', kif ingħad, minn dan kollu ma ġie ppruvat assolutament xejn;

Jibqa', għalhekk, x'jiġi kkunsidrat id-difett allegat ta' "difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju" kemm fil-konfront ta' l-attur kif ukoll fil-konfront tal-konvenuta. Kif ġie imfisser

minn din il-Qorti fis-sentenza taghha **Zarb *vs* Muscat**, ġa' ċitata, biex jista' jinghad li jkun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fis-sens tal-paragrafu (d) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 19 tal-Kap. 255, irid jirriżulta li, fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta' kritiko-estimattiva jew kiritiko-valutattiva dwar l-oġġett tal-kunsens taż-żwieġ, jew minn dik il-maturita' affettiva li hija prsuppost ghal ghażla *libera* dwar l-imsemmi oġġett. *B'immaturita'* affettiva wiehed, naturalment, ma jifhimx sempliċement nuqqas ta' affett lejn persuna partikolari jew nuqqas ta' ġibda lejha jew nuqqas ta' mhabba. Kif jispjega l-Professur Diego de Caro ta' l-Universita' ta' Ruma:

"*L'immaturita' affettiva qui accennata consiste nella non raggiunta maturazione dell'affettivita' nell'adolescenza, "periodo di transizione tra la fase di dipendenza infantile e quella di auto-sufficienza di responsabilita' dell'adulto". Sono principalmente considerati nell'affettivita' gli istinti, i sentimenti e le emozioni*" (De Caro, D., L'Immaturita' Psico-Affettiva *nel* Matrimonio Canonico *in* Bonnett, P.A. - Gullo, della L'Immaturita' Psico-Affettiva nella Gurisprudenza della Rota Romana, Libreria Editrice Vaticana (1990), p. 16);

U l-ġurista Bersini jiddeskrivi hekk din l-immaturita':

"*Secondo gli psichiatri, l'immaturita' affettiva si articola nei seguenti aspetti: dipendenza eccessiva nei confronti della madre e delle figure che la sostituiscono; in relazione a tale dipendenza, una incapacita' di tollerare le frustrazioni, che, qualora si verifichino, danno luogo a manifestazioni depressive caratteristiche; scarso controllo emotivo con iperespressivita' dei fenomeni affettivi, che sempre sono eccessivamente esuberanti, a carattere infantile (crisi di collera, di lacrime,*

*ecc.); egocentrismo; assenza abituale di ogni ansieta', che contrasta con la gravita' apparente dei sintomi: il sintomo sembra restare separato dalla personalita'*" (Bersini, F., Il Diritto Canonico Matrimoniale, Elle Di Ci (Torino), 1994, p. 97);

Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju, għalhekk, mhux sempliċment nuqqas ta' ħsieb, nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wieħed jagħmel għażliet jew jieħu deċiżjonijiet żbaljati - infatti deċiżjoni jew għażla żbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' ġudizzju (**Emanuel Camilleri *vs* Carmen Camilleri**, ġa' ċitata). Anqas ma jfisser li għax ikun hemm element ta' indeċiżjoni jew dubbju dwar għażla ta' l-istat ta' ħajja, dana huwa neċessarjament *dovut għal nuqqas (serju) ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju. Biex* ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju kif ravviżat fl-artikolu 19 (1) (d) irid ikun hemm l-inkapaċita' psikika (mhux neċessarjament anomalija psikoloġika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wieħed jagħraf u jirrifletti u li jiddeċidi liberament, fuq l-oġġett tal-kunsens matrimonjali. *Kif ġie ritenut minn din il-qorti fil-*kawża fl-ismijiet **Janet Portelli *vs* Victor Portelli** (Prim'Awla, 14 ta' Awissu, 1994):

"*It seems that discretion of judgment or maturity of judgment can be lacking, if any one of the following three conditions or hypotheses is verified: (1) when sufficient intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering marriage is lacking; (2) when the contracting party has not yet reached a sufficient amount of reflection that is proportionate to the conjugal affair, that is a critical reflection apt for the nuptial; (3) or finally when either party contracting marriage is deprived of internal freedom, that is, that capacity to deliberate with sufficient weighing of the motives and, on the part of the will, freedom (autonomia) from all force from*

*within*";

(ara ukoll f'dan is-sens, Pompedda, M.F., Studi di Diritto Matrimoniale Canonico, Giuffre' (Milano), 1993, p. 56);

Mill-provi jirriżulta li l-partijiet saru jafu lil xulxin meta kienu għadhom relattivament żgħar, kellhom bejn tlettax jew erbatax-il sena. Kienu għall-bidu jiltaqgħu bħala klikka ta' ġuvintur u tfajliet. Kien hemm imbagħad perijodu ta' xi sentejn fejn ma baqgħux jiltaqgħu fuq bażi regolari, għalkemm kienu jiltaqgħu bħala grupp ta' ħbieb;

"Meta pero' , bdejt noħroġ ma' l-attur b'mod *steady* jien kelli xi sittax-il sena. B'kollox imbagħad għamilna ħames snin noħorġu *steady* jien u l-attur" (fol. 44);

Il-Qorti, li kellha l-opportunita' li tisma' lill-partijiet jiddeponu *viva voce* - u hawnhekk tieħu l-okkażjoni li tosserva li f'każijiet ta' annullament hu dejjem desiderabbli li l-partijiet fil-kawża jiddeponu quddiem il-Qorti u mhux permezz ta' affidavit, għax b'hekk biss il-ġudikant ikun jista' jagħmel apprezzament tal-karattru tal-partijiet kif ukoll tal-piż li għandu jagħti lid-deposizzjoni tagħhom - tara li għalkemm fuq ħafna fatti hemm qbil bejn il-partijiet, hemm ċerti sfumaturi fid-deposizzjonijiet tagħhom. Filwaqt li l-konvenuta, li kienet perfettament kredibbli fid-deposizzjoni kollha tagħha, tagħti stampa ta' għerusija u żwieġ normali li pero' kien segwit minn inkwiet bejniethom dovut prinċipalment, jekk mhux esklussivament, għall-fatt li l-attur ma kienx qed iqatta' żmien biżżejjed magħha, l-attur jipprova jagħti x'jifhem li hu daħal għaż-żwieġ b'ċerta leġġerezza u nonkuranza. Infatti kemm l-attur kif ukoll missieru jużaw ripetutament l-espressjoni "moħħ ir-riħ", u dan b'referenza għall-attur meta żżewweġ ta' tnejn u għoxrin sena. Il-Qorti tagħmilha ċara li tali espressjoni, biex

ikollha xi valur ġuridiku fid-dawl tad-difett in eżami kif aktar 'il fuq spjegat, trid tiġi eżaminata fid-dawl tal-provi kollha. Il-fatt li wieħed ma jkollux għaqal f'ħafna affarijiet ma jfissirx li l-kunsens tiegħu għaż-żwieġ ikun ivvizzjat. Fi kliem ieħor, din il-Qorti mhix ser tkun indebitament impressjonata bis-sempliċi fatt li l-attur u missieru jgħidu li l-attur kien "moħħ ir-riħ" meta żżewweġ;

Id-deposizzjoni ta' missier l-attur, apparti diversi impreċiżazzjonijiet, bħal, per eżempju dwar kemm kellu eta' l-attur meta żżewweġ u x-xogħol li kien jagħmel (ara fol. 25), ma tantx jidher li hi ta' utilita'. Kif ġa' ingħad, hu jirrepeti għal aktar minn darba li meta ibnu ġie biex jiżżewweġ dan kien "moħħ ir-riħ", "m'għandux għaqal". Hu jagħti l-impressoni li donnu ta' parir *lil ibnu biex ma jiżżewwiġx:*

"Jien ngħid li ibni kien u għadu bla għaqal għaliex meta ġie biex jiżżewweġ sema' minn omm il-konvenuta, flok li sema' minni u minn ommu" (fol. 24);

L-attur iżda, jgħid li l-ġenituri tiegħu kien iħeġġuh biex jiżżewweġ:

"Jien kienu jħajjruni l-ġenituri tiegħi biex niżżewweġ, u lili stess pero' ommha kienet anzjana mhux ħażin, ommha xtaqitha li tiżżewweġ qabel ma tmut" (fol. 29);

"Qed niġi mistoqsi jekk il-ġenituri tiegħi kinux kuntenti bil-konvenuta. Jien ngħid li la darba kienu jħeġġuni biex niżżewweġ, nassumi li kienu kuntenti. Il-konvenuta kienet anke tidħol id-dar għand il-ġenituri tiegħi. Il-papa' kien jgħaddili ċerti kummenti li ma tantx kienet togħġbu l-konvenuta, pero' ommi qatt ma qaltli xejn. Qatt ma naf li missieri qalli li ma riedx lill-konvenuta d-dar jew qalli speċifikatament biex ma

niżżewwiġhiex lill-konvenuta. Ma kien hemm ebda theddid min-naħa tal-ġenituri tiegħi biex niżżewweġ, iżda kienu sempliċement iħeġġuni, jħajjruni" (fol. 32);

Interessanti, pero', hu s-segwenti passaġġ mid-deposizzjoni ta' missier l-attur:

"Anke *meta kien ikun qed jagħmel xi biċċa xogħol id-dar* moħħu mtajjar. Mistoqsi għalix ngħid li kien moħħu mtajjar, ngħid għaliex moħħu dejjem kien ikun *fl-għarusa, jiġifieri l-*konvenuta" (fol. 26);

L-attur jgħid li meta hu daħal għaż-żwieġ, apparti li kien "*moħħ ir-riħ*", *hu żżewweġ mingħajr ma kien jaf* "x'*togħma fih* iż-żwieġ" u mingħajr "imħabba kbira" lejn il-konvenuta (fol. 29). Pero' għal mistoqsijiet tal-Qorti, l-attur *wieġeb hekk:*

"Qed niġi mistoqsi jekk kontx naf li *ż-żwieġ* kienx rabta għal dejjem, inwieġeb li kont naf. Kont naf ukoll l-obbligu tal-fedelta', kont *naf* ukoll *li wieħed mill-iskopijiet taż-żwieġ huwa* li jkollna t-tfal. Kont naf ukoll kif isiru t-tfal. Għalhekk l-unika ħaġa *li jien ma kontx naf fuq iż-żwieġ hija li ma kellhix* imħabba, jew aħjar imħabba biżżejjed lejha, lejn il-konvenuta. Qed niġi *mistoqsi* jekk fil-fatt jien kontx *ippreparat* għall-fedelta', fis-sens li jekk jien, meta żżewwiġt, għamilt il-ħsieb li appena insib persuna oħra nibdel lill-konvenuta, *inwieġeb li le.* Jien meta żżewwiġt ridt li ngħix mal-konvenuta biss, jiġifieri li nibqgħu flimkien" (fol. 30);

"Wara li żżewwiġna, jien u l-konvenuta beda jkolna relazzjonijiet sesswali regolari bejnietna. Fil-fatt wara ċertu żmien twieldet it-tifla, l-ewwel waħda" (*fol. 31*);

Minn dan jidher ċar li meta l-attur iżżewweġ, hu kien jaf -

għal dawk li huma l-elementi, obbligi u proprjetajiet essenzjali taż-żwieġ - għal x'hiex kien dieħel. Seta ma kienx hemm imħabba jew passjoni travolġenti da parti tiegħu, pero' dan ma jfissirx li kien hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju li trid il-liġi. Anqas jista' jingħad li ma kienx hemm għażla libera u xjenti da parti tiegħu;

Mid-deposizzjoni ta' l-attur kif ukoll tal-konvenuta, dak li din il-Qorti tikkonkludi li ġara f'dan il-każ kien li wara ż-żwieġ, minħabba x-xogħol tiegħu (l-ewwel bħala *ticket inspector* fuq tal-linja, imbagħad ma' taż-żejt il-Libja), kif ukoll minħabba l-prossimita' tal-każin li kien jiġġestixxi missieru, ma għarafx biżżejjed il-ħtieġa li hu jqatta' aktar żmien ma' martu;

*Omissis*;

Dan in-nuqqs ta' attenzjoni għall-ħtiġijiet ta' martu f'dik li hi kumpannija, għalkemm wassal għat-tifrik taż-żwieġ wara anqas minn sentejn miċ-ċelebrazzjoni tiegħu, ma jammontax għad-difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju ravviżat fl-artikolu119 (1) (d) tal-Kap. 255, mhux biss għax dan in-nuqqas ma jinċidix direttament fuq l-oġġett tal-kunsens matrimonjali, iżda ukoll għax ma hemm xejn x'jindika li hawn si tratta ta' inkapaċita' psikika jew kostituzzjonali li wieħed jagħraf u jirrifletti u li jiddeċidi liberament, fuq l-oġġett tal-kunsens matrimonjali. Anqas jista' jingħad li l-kunsens tal-konvenuta kien hekk ivvizzjat. Meta l-konvenuta sabet ruħha, kif tgħid hi stess "qisni ma kellhiex raġel" (fol. 49), bdew jinbtu ċerti kunfidenzi ma' Paul Scerri, li hi kienet taf minn qabel iż-żwieġ, u ġara dak li ġara;

Għall-motivi premessi din il-Qorti tiċħad it-talba ta' l-

attur, bl-ispejjeż kontra tiegħu.

---